**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 4 ta' Gunju, 2020

Rikors Numru: 251/19 AL

**A B**

Vs

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti li ġie kkonfermat bil-ġurament u li permezz tiegħu premettiet:

1. Illi l-esponenti iżżewġet lill-intimat fid-29 ta' Ġunju 2002 Dok A huwa ċ-ċertifikat taż-żwieġ; minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom tifla- D B (illum ta' 16-il sena) Dok B huwa ċ-ċertifikat tat-twelid;
2. Illi ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment tant li l-partijiet ilhom li isseparaw u dan permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone datat 8 ta' Marzu, 2012- Dok C.

3. Illi intant il-partijiet ilom separati de facto ghal aktar minn ħames snin u minn dawn is-snin ilhom separati permezz tal-kuntratt għal perjodu ta’ seba’ snin;
4. Illi ma hemm ebda tama ta’ rikonċiljazzjoni.
5. Illi ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet u ma hemm ebda manteniment dovut għat-tifla;
6. Illi l-attriċi tixtieq tipprevalixxi ruħha mid-dritt li titlob u tottjeni id-divorzju u dan ai termini tal-Art 66A u Artikoli sussegwenti tal-Kodiċi Ċivili;
7. Illi l-esponenti qed tikkonferma dan kollu b’ affidavit- Dok D.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Previa kull dikjarazzjoni li tkun neċessarja tiddikjara u tordna li iż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fid-29 ta’ Ġunju 2002 jiġi dikjarat xolt ai termini tal-Artikolu 66A u Artikoli sussegwenti tal-Kodiċi Ċivili.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta’ Lulju, 2019;

Rat illi l-avukat difensur tal-intimat dehret għas-seduta u nformat lill-Qorti li l-intimat ma prezentax risposta peress li m’għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Ligi sabiex zwieg jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mit-8 ta’ Marzu, 2012;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-

Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.